MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 28

25 ta' Novembru 2014

Minuti tas-seduta Nru. 28 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 25 ta' Novembru 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier P. Cutajar u H. Fenech li kienu indisposti skont imejl mibgħut minnhom qabel is-seduta. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 27 mingħajr emendi, u għaldaqstant s-Segretarju ġie mitlub jippubblikahom fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Kundizzjonijiet speċifiċi tal-kuntratt dwar il-Ġbir tal-Iskart Domestiku Imħallat (K/6/2/Vol IV)

2.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 8.3. tas-seduta preċedenti kif ukoll għall-kriterji li kienu applikabbli għall-għoti tal-kuntratt illi wasal biex jiskadi, li kienu jgħidu hekk:

| ***Criteria*** | ***Maximum Percentage Points*** |
|---|---|
| *1. **Necessary capacity and experience to conduct the required services*** | |
| *1.1 Human resources to be dedicated to the contract* | *15* |
| *1.2 Ownership of waste collection vehicles to be dedicated to the contract* | *10* |
| *1.3 Date of manufacture of collection vehicle/s* | *10* |
| *1.4 Engine model of collection vehicle Euro 5* | *20* |

| | |
|---|---|
| *2. Reference(s) of successfully completed contracts of similar nature and execution* | *20* |
| *3. (*) Number of default notices issued to the bidder on past contracts – the past 36 months only.* | *25* |
| *TOTAL* | *100* |

Is-Sur Bartolo fakkar li fis-seduta ta' qabel kien tqajjem punt fis-sens li għandu jttieħed parir mid-Dipartiment tal-Kuntratti dwar jekk għandux jinżamm il-kriterju numru 2 fid-dawl taċ-Ċirkulari 19/2013 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti fis-16 ta' Diċembru 2013. Fl-istess ċirkulari jingħad illi fil-każ ta' kuntratti li ma jaqbżux €500,000 (VAT eskluża), il-kriterju tal-esperienza m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni, filwaqt li għandhom jitqiesu fatturi oħra, bħalma huma n-numru ta' ħaddiema u l-vetturi li ser ikunu ddedikati għas-servizz.

2.1.3. Dwar il-kriterju numru 3, is-Segretarju ġibed l-attenzjoni wkoll li f'każ ta' offerent ġdid f'dan il-qasam, qatt ma jista' jkun li jkollu *default notices* maħruġa kontrih u għalhekk oħrajn li jkunu ilhom joperaw jitpoġġew f'posizzjoni żvantaġġjata. Is-Sur C. Debono ppropona wkoll li dan il-fattur għandu jinġieb għall-attenzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

2.1.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni illi filwaqt li ċ-ċirkulari OPM 12/2013 tal-1 ta' Lulju 2013 maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministri tipprojbixxi *subcontracting* fil-każ ta' kuntratti li jinvolvu servizzi, min-naħa l-oħra r-regolament 52(2)(i) tar-Regolamenti dwar Kuntratti Pubbliċi jgħidu li offerent huwa obbligat jiddikjara jekk ikunx ser jagħti parti mis-servizz mitlub permezz ta' *subcontracting* u f'liema kwota.

2.1.5. Il-Kunsill ikkonferma li għandu jinkiseb il-parir tad-Dipartiment tal-Kuntratti dwar il-punti mqajma 2.1.2., 2.1.3., u 2.1.4. aktar 'il fuq.

2.1.6. Il-Kunsill irreveda l-perċentwali allokati fis-seduta ta' qabel u ddeċieda li għandhom jiġu kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| 1.1.Ħaddiema dedikati fuq is-servizz | Minn 15% titla' għal 20% |
| 1.2.Numru ta' vetturi dedikati fuq is-servizz | Minn 10% titla' għal 20% |
| 1.3.Data tal-manifattura tal-vetturi wżati | Minn10% titla' għal 15% |
| 1.4.Mudell tal-magna tal-vetturi wżati | Minn 25% titla' għal 30% |
| 2. Numru ta' *default notices* maħruġa lill-offerenti fl-36 xahar | Minn 25% tinżel għal 15% |

## 2.2.1. *Community Chest Fund* (D/4/Vol IV)

2.2.2. Il-Viċi-Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li nbdew il-kuntatti mal-Mellieħa Sports Club Football Nursery bil-għan li jiġi organizzat *tournament* tal-futbol bil-għan li jinġabru fondi b'riżq il-fond imsemmi.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.3.1. Tħejjijiet għall-attivajiet abbinati mal-Milied u l-Ewwel tas-Sena (A/5/3/7)

2.3.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li jsiru sejħiet għall-istimi għas-servizzi li ġejjin:

- Provista ta' logħob tan-nar u servizzi pirotekniċi waqt attivita` fl-okkażjoni tal-Ewwel tas-Sena 2015 li ser isseħħ f'Misraħ il-Parroċċa, Mellieħa;

- Projezzjonijiet ta' immaġini marbuta mal-istorja fl-okkażjoni tal-Ewwel tas-Sena 2015 waqt attivita` fl-okkażjoni tal-Ewwel tas-Sena 2015 li ser isseħħ f'Misraħ il-Parroċċa, Mellieħa;
- Arranġament mużikali bħala sfont waqt projezzjonijiet ta' immaġini waqt attivita` fl-okkażjoni tal-Ewwel tas-Sena 2015 li ser isseħħ f'Misraħ il-Parroċċa, Mellieħa;
- Kiri ta' *projectors* b'rabta ma' projezzjoni ta' immaġini waqt attivita` fl-okkażjoni tal-Ewwel tas-sena 2015 li ser isseħħ f'Misraħ il-Parroċċa, Mellieħa;
- Kiri ta' dwal, *audio* u palk għal użu waqt attivita` fl-okkażjoni tal-Ewwel tas-Sena 2015 li ser isseħħ f'Misraħ il-Parroċċa.

2.3.3. Is-Sur C. Bartolo kompla jipproponi li ssir kampanja ta' reklamar tal-attivita` tal-ewwel tas-sena, prinċipalment fuq Bay Radio bil-prezz ta' €1,100 fuq perjodu ta' tliet ġimgħat mit-8 sat-30 ta' Diċembru 2014, u fuq mezzi oħra li ntużaw fil-passat, bħalma huma *Tune In Magazine*, *Gwida*, il-*billboard* fit-Telgħa ta' Selmun, kif ukoll *spot* fuq l-istazzjon nazzjoni tat-televiżjoni TVM li għaliħ għad-trid tintalab stima. Flimkien ma' dawn huwa ppropona li jiġu stampati 50,000 *flyer* bil-programm tal-Kunsill għall-Milied u l-Ewwel tas-Sena, li jkun jinkludi wkoll l-attivitajiet tal-għaqdiet.

2.3.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li għall-attivita` tal-anzjani tal-21 ta' Diċembru 2014, ser ikun il-kantanti Benny u Tonia li ser jitolbu ħlas ta' €100. Hija qalet ukoll li għall-*party* tat-tfal li ser isir fl-20 ta' Diċembru, jidher li ser ikun problema li dawn jingħataw ikel fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja u għalhekk dan ser ikollu jingħata fil-kuridur li hemm fil-ġenb, jew fil-bitħa li hemm biswit l-istess sala. L-ispiża fuq l-ikel kienet għadha mhux magħrufa. Attrazzjonijiet oħra li jappellaw għat-tfal ser ikunu mtellgħa mill-grupp Curtain Raisers (€218), *face painting* mis-Sinjorina Sabrina Trapani (€70). Qed isiru kuntatti wkoll sabiex jinġieb *magician*. Spettaklu ta' żfin ser jittellgħa mill-grupp Artemocion u minn Mady Dargue. Ġie propost ukoll li t-tfal jingħataw ġugarelli b'nefqa li ma taqbisx dik li kienet tiġi osservata fil-każ ta' Milied Mellieħi ras għal ras.

2.3.5. Is-Sindku staqsa dwar jekk jistax issir xi attivita` fil-Manikata marbuta mal-Milied. Is-Sur C. Bartolo wieġeb li għalkemm saru kuntatti, sfortunatament kien diffiċli li jinstab xi ħadd li ma kienx inpenjat b'xi attivita` jew oħra.

2.3.6. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa. Kien hemm qbil li d-dettalji tal-attivitajiet kollha għandhom jibqgħu jiġu diskussi mal-Viċi Sindku C. Bartolo u l-Kunsilliera A. Brincat Stellini u s-Segretarju Eżekuttiv qabel jitressqu għall-approvazzjoni finali mill-Kunsill.

## 2.4.1. Kustodja tal-Għajn tal-Mellieħa (R/2/3)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 17.1 tas-seduta ta' qabel u għarraf li fl-20 ta' Novembru 2014 saret laqgħa mas-Sinjuri Joseph Debono u Gaetano Sultana, President u Segretarju tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, rispettivament. Għaliha attendew, flimkien mas-Sur J. Buttigieg, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Huwa spjega li fl-istess laqgħa ġie propost li s-servizz dwar il-kustodja tal-Għajn ikun jikkonsisti mis-segwenti:

- Tbattil tal-*litter bins* u bdil tal-boroż skont il-ħtieġa;
- Tindif u qtugħ tal-ħaxix li jikber fil-passaġġi;
- Tindif tal-ħwat tal-ilma;
- Żamma tal-paviment kollu u l-ħitan tas-sejjieħ;
- Rapportar ta' dwal li ma jkunux qed jiffunzjonaw; u
- Spezzjoni u tneħħija ta' materjal li jkun qed jimblokka l-mini għall-ilma tax-xita;

2.4.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid illi biex jiġi żgurat li dan ix-xogħol ikun qed jitwettaq b'mod regolari, għandu jiġi ppreżentat rendikont ta' dak kollu li jkun sar fil-ġimgħa ta' qabel. Huwa stmat li dan ix-xogħol ma jirrikredix iktar minn sagħtejn/tlieta fil-ġimgħa u jingħata bi ħlas lill-għaqda u tingħata riċevuta fiskali. Id-diriġenti tal-għaqda qalu li m'għandux ikun hemm problemi min-naħa tagħhom biex jagħtu s-servizz mitlub, iżda kellhom jikkuntattjaw lill-Kunsill aktar 'il quddiem dwar il-ħlas li qed jistennew.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Proġett LEAP! (A/8/3)

2.5.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 19.1. dwar il-proġett imsemmi li ġie mniedi mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali. Huwa għarraf li fl-20 ta' Novembru 2014 saret żjara minn *community worker* fil-Qasam Ta' Pennellu fejn ir-residenti ġibdu l-attenzjoni għal diversi nuqqasijiet li jirrigwarda l-manutenzjoni tal-blokki. Irriżulta li l-aktar wieħed li jeħtieġ attenzjoni huwa l-Blokk B2.

2.5.3. Is-Sur J. Attard fakkar li fil-5 ta' Diċembru 2014 ser issir laqgħa għall-għaqdiet volontarji tal-Mellieħa bil-għan li jiġu spjegati l-għanijiet tal-proġett, kif ukoll biex tinħatar persuna li tirrappreżenta lill-Mellieħa fir-reġjun tat-tramuntana.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti..

### 2.6.1. Terminazzjoni ta' kiri ta' raba (A/6/1)

2.6.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 21.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk inkisibx aktar tagħrif dwar l-avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 1064 ippubblikat fl-10 ta' Ottubru 2014 fejn tħabbar li ser tiġi tterminata l-kiri ta' raba' irreġistrata mad-Dipartiment tal-Artijiet bħala *tenement* 83143.

2.6.3. Il-Viċi Sindku qal li skont tweġiba mogħtija mid-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta` tal-Gvern fit-13 ta' Novembru 2014, sar magħruf li dan huwa proċess amministrattiv intiż sabiex l-art fejn inbena r-razzett eżistenti ser tiġi eskluża mit-*tenement* oriġinali, filwaqt li persuni illi għandhom qbiela fuq l-art madwar l-istess razzett ser jiġu kkuntattjati ndividwalment biex isir magħruf dwar jekk jixtiequx iżommu l-istess qbiela.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.71. Sit Elettroniku dwar il-Heritage Trail ta' Selmun (P/10/3A)

2.7.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 20.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-*host* tas-sit elettroniku http://www.selmun-imgiebah.org.mt staqsa dwar jekk il-Kunsill jixtieq iġedded l-abbonament tiegħu għal sena, bil-prezz ta' €236, li jkopri l-perjodu Ottubru 2014/2015.

2.7.3. Il-Kunsill approva t-tiġdid tal-abbonament peress li l-proġett teknikament għadu miftuħ minħabba li kien kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll għar-raġuni li l-Fondazzjoni ARKEO tkun tista' tuża s-sit biex tippromwovi l-attivitajiet tagħha f'dak li jirrigwarda l-*Heritage Trail* ta' Selmun.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 15/11/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 08/11/14 – 21/11/14;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Skeda ta' proposti dwar is-Servizz tal-Ġbir tal-Iskart Riċiklabbli;
- Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2014

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Uffiċċju Informazzjoni għat-Turisti (A/6/7/4)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 20 ta' Novembru 2014, mibgħut mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu fejn inġibdet l-attenzjoni li l-ftehim dwar l-uffiċċju msemmi ser jiskadi fl-4 ta' Diċembru 2014 u għaldaqstant il-Kunsill intalab jinforma dwar jekk jixtieqx iġedded il-ftehim tal-uffiċċju li jinsab f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

4.1.3. Il-Kunsill qabel li ftehim għandu jiġi mġedded taħt l-istess kundizzjonijiet.

### 4.2.1. *Zip Line* fil-Bajja tal-Għadira (X/1/4/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 18 ta' Novembru 2014 mibgħut mis-Sur Karl Loftus fejn ippropona li ssir *zip line* permezz ta' *cable* bejn iż-żona tat-Torri l-Aħmar u l-parti ċentrali tal-bajja, fejn hemm l-area tal-*barbecues*. Permezz ta' dan il-ħabel tal-ażżar, ikunu jistgħu jinżlu persuni permezz tal-gravita` mill-parti elevata magħrufa bħala "Tad-Dahar" għall-parti ċentrali tal-bajja fejn hemm l-area tal-*barbecues*. Ġie spjegat li fit-truf tal-imsemmi ikun hemm pjattaforma tal-injam fejn il-persuna mal-ħabel titlaq jew tasal. Is-Sur Loftus talab l-opinjoni tal-Kunsill dwar din il-proposta qabel huwa jkompli jaħdem fuq l-ideja.

4.2.3. Il-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni għal dan l-inizjattiva, peress li ma jidhirx illi din tinvolvi l-kostruzzjoni ta' strutturi permanenti. Min-naħa l-oħra nġibdet l-attenzjoni li l-art fil-parti ċentrali tal-bajja hija proprjeta` pubblika konċessa lill-Mellieħa Holiday Centre.

### 4.3.1. Estensjoni tal-Mellieħa Holiday Centre (P/5/8/G)

4.3.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni għal imejl datat 24 ta' Novembru 2014 mibgħut mill-MEPA dwar applikazzjoni PA 5833/09, dwar iż-żieda ta' 30 *unit* għall-akkomodazzjoni fl-imsemmi kumpless. Ma' l-istess notifika kien hemm deskrizzjoni tal-proġett li setgħet tinkiseb mis-sit elettroniku http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-cons. Skont l-istess imejl, l-applikant ġie eżentat mill-ħtieġa li jissottometti *Environmental Impact Assessment*. Minkejja dan, l-MEPA qed titlob l-kummenti tal-pubbliku sabiex jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu fuq is-suġġett sad-9 ta' Diċembru 2014.

4.3.3. Wara l-Kunsill ra d-dokumenti msemmija hawn fuq, kien hemm qbil li m'għandux ikun hemm oġġezzjoni għal żieda fin-numru ta' *units* għall-akkomodazzjoni sakemm jinżamm id-disinn ta' dawk eżistenti u li din tkun limitata fil-konfini eżistenti tal-kumpless. Il-Kunsill kien tal-fehma wkoll li d-dwal fuq barra tal-bini propost m'għandhomx jispikkaw bil-għan li ma jħallux impatt viżwali partikularment meta wieħed iħares minn postijiet għoljin. Ittieħed in konsiderazzjoni wkoll li dwal qawwija, kif ukoll l-għoli tal-bini jista' jħalli effetti negattivi fuq ir-Riżerva Naturali tal-Għadira li hemm fil-qrib.

### 4.4.1. Traġitt tat-traffiku fil-Manikata (T/3/2/Vol XII)

4.4.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-imejl datat 16 ta' Novembru 2014 mibgħut mis-Sur Andrew Borg, fejn ilmenta dwar l-inkonvenjenzi li qed jiġu kkawżati minn traġitt qawwi tat-traffiku mill-Manikata. Fl-istess imejl intqal li l-ftuħ ta' Sqaq Ħarruba mhuwiex soluzzjoni għall-problema, u għaldaqstant l-aħjar soluzzjoni tkun il-ftuħ ta' *bypass* li tgħaqqad Triq il-Biedja ma' Triq il-Mellieħa.

4.4.3. Is-Sindku qal li huwa jaqbel totalment ma' din il-proposta, iżda fakkar li l-proġett tal-*bypass* tal-Manikata diġa ġie propost lill-Gvern Ċentrali. Huwa fakkar ukoll li xi snin ilu kienu qed jitħejjew il-pjanijiet biex din l-ideja titwettaq permezz ta' pont u mina, iżda dan qajjem kontroversja minħabba li kien maħsub illi ser jaffettwa l-ilma tal-pjan.

### 4.5.1. Sotto-Kumitat Kultura, Sport u Edukazzjoni fi ħdan il-Kumitat Reġjonali Tramuntana (A/5/3/Vol XII)

4.5.2. Saret referenza għal ittra datata 20 ta' Novembru 2014, mibgħuta mill-Kumitat Konġunt Tramuntana, fejn il-Kunsill intalab jaħtar rappreżentant fuq is-sotto-kumitat imsemmi.

4.5.3. Il-Kunsill qabel li għandu jinnomina lill-Kunsilliera A. Brincat Stellini.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 21 ta' Novembru 2014.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għall-Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet ukoll skeda tal-pagamenti li tkopri bejn is-7 u l-21 ta' Novembru 2014.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda u għaldaqstant kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Attard illi tgħid:**

***"Billi saret sejħa għall-offerti skont l-Artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, bil-għan li jiġi faċilitat l-aċċess għall-Uffiċċju Amministrativ f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida bl-installazzjoni ta' bieb awtomatiku u formazzjoni ta' rampa fil-bankina;***

***Billi l-unika offerta li daħlet sad-data ta' l-għeluq ġiet evalwata teknikament mid-ditta Galea Curmi Engineering Consultants skont rapport datat 6 ta' Novembru 2014, li ġie sottomess għad-diskussjoni fis-Seduta Nru. 27 tal-11 ta' Novembru 2014;***

***Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2014 hemm vot Nru. 7210 sabiex ikopri l-installazzjoni tal-imsemmi bieb, flimkien ma' xogħlijiet anċillari;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mad-ditta Uskin Ltd li offriet illi tforni u tinstalla t-tagħmir meħtieġ bi spiża ta' €8,819.".*** **(K/1/2/Vol IV)**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

**8.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru (F/1/1/Vol II)**

8.2. Is-Segretarju aċċenna għar-rapport li tqassam qabel is-seduta u staqsa dwar jekk kienx hemm mistoqsijiet dwaru.

8.3. Billi ma kienx hemm aktar punti dwar ir-rendikont finanzjarju, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt, kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

**9.1. Proposti dwar is-servizz ta' ġbir tal-iskart riċiklabbli mitlub mingħand entitajiet awtorizzati biex jagħtu dan is-servizz (K/6/11)**

9.2. Is-Sindku rrefera għad-dokumenti bil-proposti sħaħ li saru mill-Green MT Ltd u l-GreenPak Co-Op Ltd, kif ukoll għar-rijassunt tal-istess proposti li ġew mgħoddija lil kull kunsillier qabel is-seduta. Is-Sur J. Buttigieg qal li fattur ewlieni fil-proposta ta' GreenPak hija l-ħlas ta' €35 kull tunnellata ta' skart riċiklabbli li jinġabar. Green MT offriet l-istess servizz mingħajr ħlas u għalhekk l-ispejjeż tal-kollettur tagħmel tajjeb għalih l-iskema stess. Aspett ieħor notevoli li Green MT qed jgħidu li lesti jibdlu l-kontenituri tal-*bring-in sites* sa massimu ta' 47 waħda.

9.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna wkoll li Green MT ipproponew li jinbidlu l-*bins* għall-iskart riċiklabbli fil-bajja tal-Għadira. Huwa qal li din mhux ċara biżżejjed, fis-sens jekk humiex ser jinbidlu dawk eżistenti ma' oħrajn ġodda, jew ser jipprovdu servizz ta' tbattil ta' dawk li hemm fuq il-*promenade*.

9.4. Sabiex jiġu mwieġba l-mistoqsijiet kollha, ġie deċiż li għandha ssir intervista lir-rappreżentanti taż-żewġ skemi fl-1 ta' Diċembru 2014 fil-5.30pm u fis-6.00pm.

**10.1. Korsijiet tal-komputer għall-impjegati tal-Gvern (E/3/1/9/Vol IV)**

10.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-kuntatt li sar miegħu u mas-Sindku minn TCTC Ltd dwar il-possibilta` li s-sala tal-Kunsill tintuża għal lezzjonijiet tal-kompjuter intiżi għall-impjegati tal-Gvern bħala parti mill-progett E-GOVernment.

10.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm dawn il-lezzjonijiet ma jaħbthux ma' attivitajiet oħra li diġa għaddejjin fl-istess post.

**11.1. Parteċipazzjoni fl-avveniment Bethlehem f'Għajnsielem (A/5/5/Vol VII)**

11.2. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi għal darba oħra, il-Kunsill ġie mistieden jieħu sehem fis-sit edizzjoni tal-avveniment Bethlehem f'Għajnsielem. Is-Sur J. Buttigieg qal li nhar il-Ħadd 4 ta' Jannar 2015, bejn id-9.00am u l-11.00am, tliet persuni liebsin tas-Slaten Maġi, fuq iż-żwiemel ser jieqfu fuq iż-żuntier tal-knisja f'Misraħ il-Parroċċa, fejn ser isir *re-enactment* tal-okkażjoni. Wara jkomplu fi triqthom lejn iċ-Ċirkewwa, minn fejn jirkbu l-

vapur lejn Għajnsielem f'Għawdex. L-organizzaturi ta' dan l-avveniment appellaw għall-involviment tal-Kunsill fil-kiri ta' apparat tal-audio.

11.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li b'differenza minn edizzjonijiet differenti, huwa ġie kkuntattjat mis-Sindku ta' Għajnsielem – is-Sur Frans Cauchi – li l-vjaġġ jibda mill-katidral ta' Cologne fil-Ġermanja, fejn hemm relikwarja bl-għadam tas-Slaten Maġi. Billi l-Mellieħa għandha ġemellaġġ ma' Adenau, li tinsab fil-provinċja ta' Cologne, huma talbuħ jgħin fil-kuntatti mas-Sindku ta' Adenau dwar il-loġistika u l-akkomodazzjoni meħtieġa. Meta kkuntattjat, is-Sindku ta' Adenau - Arnold Hoffmann – għarfu li l-kunsill tiegħu lest li joffri akkomodazzjoni għal għaxar persuna mingħajr ħlas.

11.4. Kien hemm qbil ukoll li jkun hemm żewġ rappreżentanti mill-Kunsill tal-Mellieħa għat-tluq ta' Maġi minn Cologne, li l-ispejjeż tal-ivjaġġar jagħmel tajjeb għalihom l-istess Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti sehemu f'din l-inizjattiva f'dak li jirrigwarda l-parti li tiżvolgi fil-Mellieħa li possibilment għandha tinvolvi wkoll il-Manikata.

## 12.1. Servizz tal-Gwardjani Lokali waqt attivitajiet kulturali u ħlasijiet dovuti lill-Kunsilli Lokali (W/3/Vol XI)

12.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li l-Kumitat Reġjonali tat-Tramuntana ser jikkonċedi tmien siegħat ta' servizz minn Gwardjani Lokali waqt attivitajiet organizzati mill-Kunsill.

12.3. Is-Sur E. Bartolo qal ukoll li l-Kumitat ser jgħaddi l-ħlasijiet dovuti lill-Kunsilli Lokali bħala kummissjoni marbuta mal-ħlas ta' multi li jsiru fl-uffiċini tagħhom. Dan sakemm ma jkunx hemm dokumentazzjoni nieqsa min-naħa tal-Kunsill Lokali rispettivi.

12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 13.1. Periklu fi Triq ir-Rattan (P/5/2/Vol II)

13.2. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jinbena ħajt madwar qatgħa li qiegħda fuq naħa waħda tat-triq imsemmija.

13.3. Il-Kunsill ma laqax il-proposta peress li jinħoloq preċedent, billi jeżistu qtajja' oħra simili, filwaqt li s-sigurta` f'siti privati hija tas-sidien.

## 14.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għaż-żewġ ħarġiet kulturali li saru f'Novembru 2014 għall-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu. Hija kkummentat li din kienet waħda nteressanti ħafna, filwaqt li attendew 45 persuna fl-ewwel grupp u 38 fit-tieni. Minħabba l-attivitajiet marbuta mal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, mhux ser ikun ħarġiet fix-xahar ta' Diċembru.

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 15.1. Parteċipazzjoni fil-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb 2014 (F/5)

15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-attivita` imsemmija li saret bejn it-12 u s-16 ta' Novembru 2014 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta. Ikkummentat li l-parteċipazzjoni tal-Kunsill f'din l-attivita` ġiet apprezzata. Hija kompliet tgħid li kien hemm żjarat mill-President ta' Malta, mill-Prim Ministru u mill-Kap tal-Oppożiżżjoni.

15.3. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat nota ta' ringrazzjament lis-Sinjuri Jimmy Muscat u Clifford Vella li volontarjament offrew is-servizzi tagħhom.

## 16.1. Magazin "Mill-Qiegħa għat-Tfal (P/3/2/Vol V)

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li jiżdiedu żewġ paġni bil-kulur fil-magazin imsemmi.

16.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinġieb stima qabel tittieħed deċiżjoni finali.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.30pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tlieta 9 ta' Diċembru 2014 fis-7.00pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**